# Linji Gwida

**Dwar ir-Rekwiżit ta’ Żvelar Applikabbli għall-klassifikazzjonijiet tal-Kreditu**

12/03/2021 | ESMA33-9-320 MT

# Werrej

**1 Kamp ta' applikazzjoni** ...... 2

**2 Definizzjonijiet, referenzi leġiżlattivi u akronimi** ...... 3

**3 Għan** ...... 3

**4 Obbligi ta' konformità u rapportar** ...... 3

**5 Linji Gwida** ...... 4

# 1 Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

Dawn il-linji gwida japplikaw għal aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni u rreġistrati mal-ESMA (minn hawn 'il quddiem "CRAs tal-UE") f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[1] (minn hawn 'il quddiem "CRAR").

**Xiex?**

Dawn il-linji gwida jikkonċernaw kwistjonijiet partikolari relatati mal-pubblikazzjoni ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu, prospettivi ta' klassifikazzjoni u metodoloġiji u mudelli minn CRAs Irreġistrati fl-UE f'konformità mal-Artikoli 10(1), 10(2), 10(5) u l-Anness I, it-Taqsima D, I, il-punti 1, 2, 4 u 5 u l-Anness I, it-Taqsima D, III, 1, 2, 2a u 4.

**Meta?**

Dawn il-Linji Gwida se jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u ppubblikati fuq is-sit web tal-ESMA. L-ESMA se tikkunsidra dawn il-Linji Gwida għall-fini tas-superviżjoni tagħha mit-30 ta' Marzu 2020.

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

# 2 Definizzjonijiet, referenzi leġiżlattivi u akronimi

Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| CRA | Aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu |
| CRAR | Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) Nru 462/2013) |
| ESMA | Awtoritajiet Ewropej tat-Titoli u s-Swieq |
| Regolament ESMA | Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (Regolament ESMA) |
| Fatturi ESG | Fatturi Ambjentali, Soċjali jew ta’ Governanza |

# 3 Għan

1. L-għan ta’ dawn il-Linji Gwida huwa li tiżdied il-konsistenza tal-informazzjoni li s-CRAs huma meħtieġa jiżvelaw bħala parti minn ċerti azzjonijiet ta’ klassifikazzjoni. Din l-informazzjoni normalment tiġi inkluża fl-istqarrija għall-istampa jew fir-rapporti tal-azzjoni ta’ klassifikazzjoni.

# 4 Obbligi ta’ konformità u rapportar

## 4.1 Status tal-linji gwida

2. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, is-CRAs għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

## 4.2 Rekwiżiti ta’ rappurtar

3. L-ESMA ser tivvaluta l-applikazzjoni ta’ dawn il-linji gwida mis-CRAs permezz tas-sorveljanza u l-monitoraġġ kontinwu tagħha tar-rappurtar perjodiku tas-CRAs lill-ESMA.

# 5 Linji Gwida

## 5.1 Rekwiżiti relatati mal-Istqarrijiet għall-Istampa jew ir-Rapporti ppubblikati f'konformità mal-Artikolu 10(1), 10(2) u 10(5).

4. L-ESMA tqis li klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospettiva ta' klassifikazzjoni, żvelata u ppreżentata skont it-tifsira tal-Artikoli 10(1), 10(2), 10(5) u l-Anness I, it-Taqsima D, I, 1, 2, 2a, 4 u 5 għandha tkun akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa jew rapport li jispjegaw l-elementi ewlenin li fuqhom hija msejsa l-klassifikazzjoni tal-kreditu jew il-prospettiva ta' klassifikazzjoni u jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

i. Dikjarazzjoni ċara jew identifikatur dwar jekk il-klassifikazzjoni tal-kreditu ġietx approvata skont ir-Regolament dwar is-CRA.

ii. Dikjarazzjoni ċara dwar jekk il-klassifikazzjoni tal-kreditu hijiex klassifikazzjoni tal-kreditu mhux mitluba.

iii. Fil-każ ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mhux mitluba, l-użu tal-iskema li ġejja biex jiġi ċċarat il-livell tal-parteċipazzjoni tal-entitajiet ikklassifikati:

| Klassifikazzjoni tal-Kreditu Mhux Mitluba | |
|---|---|
| Bil-Parteċipazzjoni tal-Entità Kklassifikata jew ta' Parti Terza Relatata | [IVA][LE] |
| B'Aċċess għad-Dokumenti Interni | [IVA][LE] |
| B'Aċċess għall-Maniġment | [IVA][LE] |

iv. L-ismijiet, it-titoli tal-impjiegi u d-dettalji ta' kuntatt għall-analista ta' klassifikazzjoni ewlieni u l-isem u l-pożizzjoni tal-persuna primarjament responsabbli għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu flimkien mal-isem u l-indirizz tal-entità legali responsabbli għall-klassifikazzjoni tal-kreditu.

v. L-identifikazzjoni ta' referenzi għal kwalunkwe sors materjali sostanzjali kkwotat fl-istqarrija għall-istampa bħala motivatur ewlieni tal-azzjoni ta' klassifikazzjoni tal-kreditu.

vi. L-isem tal-metodoloġija prinċipali u l-mudelli materjali użati fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu huma mniżżlin flimkien mad-dati tal-applikabbiltà jew in-numru tal-verżjoni. Għal kull metodoloġija għandha tiġi pprovduta link għal dik il-metodoloġija, għal kull mudell materjali għandha tiġi pprovduta link għal deskrizzjoni ta' dak il-mudell.

vii. Taqsima identifikata b'mod ċar bħala li tindirizza azzjonijiet jew avvenimenti li jistgħu jwasslu għal titjib jew tnaqqis fil-klassifikazzjoni tal-kreditu akkumpanjata mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-aħjar u tal-agħar xenarju possibbli, b'paragrafi

apposta li jindirizzaw fatturi li jistgħu jwasslu għal titjib, u azzjonijiet jew avvenimenti li jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-klassifikazzjoni.

viii. Paragrafu ta' spjegazzjoni li jiddeskrivi fejn l-utent tal-klassifikazzjoni jista' jsib informazzjoni dwar it-tifsira ta' kull kategorija ta' klassifikazzjoni, inklużi definizzjonijiet ta' inadempjenza jew irkupru inkluża analiżi tas-sensittività tas-suppożizzjonijiet ta' klassifikazzjoni ewlenin rilevanti, bħas-suppożizzjonijiet matematiċi jew ta' korrelazzjoni. Jekk dan ikun f'taqsima tal-metodoloġija prinċipali, għandu jkun hemm referenza għat-taqsima tal-metodoloġija.

ix. Dikjarazzjoni li tispjega jekk il-klassifikazzjoni ġietx żvelata lill-entità kklassifikata u emendata wara dak l-iżvelar qabel il-pubblikazzjoni.

5. F'konformità mal-Anness I, it-Taqsima D, 5, fejn ikun sproporzjonat fit-tul li jiġi inkluż id-dettall sottostanti sħiħ tal-elementi ta' hawn fuq fl-istqarrija għall-istampa jew fir-rapport li jakkumpanja l-klassifikazzjoni tal-kreditu jew il-prospettiva ta' klassifikazzjoni, l-ESMA tistenna li s-CRAs jagħmlu referenza ċara u prominenti fejn dan id-dettall sottostanti jista' jiġi aċċessat direttament u faċilment permezz ta' link tal-web diretta. Minkejja dan, l-ESMA tqis li l-inklużjoni tal-qalba tal-elementi ta' hawn fuq fl-istqarrija għall-istampa jew fir-rapport hija meħtieġa u proporzjonata mat-tul kumplessiv tal-istqarrija għall-istampa jew tar-rapport.

## 5.2 Rekwiżiti relatati mal-Artikolu 10(1), 10(2) u t-Taqsima D, l-Anness I, I, il-punti 2a u 5.

6. Meta l-fatturi ESG kienu motivatur ewlieni wara bidla fil-klassifikazzjoni tal-kreditu jew fil-prospettiva ta' klassifikazzjoni li kien ġie ppreżentat u żvelat f'konformità mal-Artikolu 10(1), 10(2) u t-Taqsima D, l-Anness I, I, il-punti 2a u 5, l-ESMA tistenna li fl-istqarrija għall-istampa jew fir-rapport akkumpanjanti, is-CRAs:

i. Jiddeskrivu jekk xi wieħed mill-motivaturi ewlenin wara l-bidla fil-klassifikazzjoni tal-kreditu jew fil-prospettiva ta' klassifikazzjoni jikkorrispondix mal-kategorizzazzjoni tal-fatturi ESG ta' dik is-CRA;

ii. Jidentifikaw il-fatturi ewlenin li kienu kkunsidrati minn dik is-CRA bħala fatturi ESG;

iii. Jispjegaw għaliex dawn il-fatturi ESG kienu materjali għall-klassifikazzjoni tal-kreditu jew għall-prospettiva ta' klassifikazzjoni;

iv. Jinkludu link għat-taqsima tas-sit web ta' dik is-CRA li tinkludi gwida li tispjega kif il-fatturi ESG jitqiesu bħala parti mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' dik is-CRA jew għad-dokument li jispjega kif il-fatturi ESG huma kkunsidrati fil-metodoloġiji jew mudelli assoċjati tas-CRA.